# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 29 ta' Marzu 2019**

**Numru 19**

**Rikors numru 683/06 SM**

**Konkors ta' kredituri tas-soċjeta` JM Group Limited (C-22268) kif rappreżentati mill-Avukat Dr Martin Fenech u l-PL Mario Mifsud Bonniċi nominati bħala kuraturi deputati skont id-digriet tas-17 ta' Awwissu, 2006**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) datat 26 ta' Lulju, 2006, li jaqra hekk:

> "Illi flimkien mar-rikors tagħha ta' l-20 ta' Frar, 2004, fl-atti tas-subasta nru. 98/2003 fl-ismijiet *HSBC Bank Malta p.l.c. vs Avv. Martin Fenech u P.L. Mario Mifsud Bonniċi nominati bid-digriet tas-27 ta' Diċembru, 2002, bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw il-kumpanija JM Group Limited, kumpanija Maltija li l-uniku direttur tagħha huwa assenti minn dawn il-gżejjer*, is-soċjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. ai termini ta' l-art. 338(4) tal-Kodiċi ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) iddepożitat taħt l-Awtorita` ta' din l-Onorabbli Qorti, u

> dan permezz taċ-ċedola ppreżentata kontestwalment ma' dak ir-rikors fl-istess ismijiet premessa, garanzija bankarja fil-valur ta' mitt elf Liri maltin (Lm 100,000.00).
>
> "Illi l-imsemmija soċjeta` JM Group Limited hi debitriċi tar-rikorrent inter alia fl-ammont ta' tnax-il elf, tmien mija u dsatax-il liri Maltin u tnejn u sebgħin ċenteżmu (Lm 12,819.72) rappreżentati Taxxa fuq Il-Valur Miżjud, imgħax u penali dovuta l-Avviż maħruġ ai termini ta' l-Att XXIII ta' l-1998, u dan bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv fil-perċentaġġ ta' wieħed fil-mija (1%) kull xahar skont il-liġi, kollox reż eżegwibbli permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fit-23 ta' Jannar, 2004, fl-ismijiet *Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs JM Group Limited* (kopja hawn annessa Dok. K1).
>
> "Illi kif jidher mill-atti tar-rikors numru 636/04 GV fl-ismijiet fuq premessa, liema atti ġew deċiża permezz ta' sentenza tat-28 ta' Ottubru, 2005, kemm l-HSBC Bank Malta p.l.c., kif ukoll is-soċjetajiet Camray Contractors Limited u Megaline (M&E) Ltd, qegħdin jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom, jew xi interess ieħor fuq l-imsemmi depożitu.
>
> "Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ftuħ ta' konkors ta' kredituri tas-soċjeta` JM Group Limited fuq is-somma ta' mitt elf liri Maltin (Lm 100,000.00) depożitati permezz ta' garanzija bankarja ppreżentata mis-soċjeta` HSBC Bank Malta p.l.c flimkien ma' ċedola ta' depożitu datata 20 ta' Frar, 2004, (li kopja tagħhom tinstab hawn annessa bħala Dok. K2), u dan skont kull provvediment li jidhrilha xieraq li għandha tagħti".

Rat illi wara ftuħ tal-konkors, ikkonkorrew s-soċjetajiet Camray Contractors Ltd., u Megaline (M&E) Ltd., u l-HSBC Bank Malta p.l.c (li rreġistra l-interess tiegħu tardivament);

Rat id-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Novembru, 2008, li bih ċaħdet it-talba biex l-applikazzjoni tal-HSBC Bank Malta p.l.c tiġi mwarba għax preżentata tardivament;

Rat is-sentenza li tat il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Frar, 2014, li in forza tagħha ddeċidiet il-kawża fis-sens li ġej:

> "34.1. Tirrespinġi t-talba tad-Direttur Ġenerali rikorrenti biex jiġi pre-gradwat kif minnu sostenut fir-rikors tiegħu promotur u dan, stante li naqas li jirreġistra l-allegat privileġġ tiegħu *ai termini* tal-artiklu 2029 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
>
> "34.2. Tirrespinġi l-kontestazzjoni, kemm tal-istess Direttur Ġenerali indikat fil-paragrafu preċedenti, u tal-*HSBC Bank Malta p.l.c.* rigwardanti l-privileġġ speċjali reġistrat mis-soċjetajiet *Camray* u *Megaline* fuq riferiti, stante li tali kontestazzjoni mhix legalment fondata u li konsegwentement:
>
> > "34.2.1. Tiddikjara li l-istess krediti vantati mis-soċjetajiet *Camray* u *Megaline* għadhom kemm veljanti u privileġġjati;
>
> "34.3. Illi l-gradwazzjoni tal-krediti tal-konkorrenti in diżamina għandha tkun bil-mod segwenti:
>
> > "34.3.1**. L-Ewwel Grad**:
> >
> > > "34.3.1.1 *HSBC Bank Malta p.l.c.* sas-somma ta' disa' mija u tnejn u erbgħin elf, sitt mija u wieħed u sebgħin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu, (€942,671.69), oltre l-imgħaxijiet dovuti;
> > >
> > > "34.3.1.2. *Camray Limited* sas-somma ta' mija u erbat elef, disgħa mija u tnax –il elf u ħamsa u sittin ċenteżmu, (€104,912.65), oltre l-imgħaxijiet dovuti;
> > >
> > > "34.3.1.3. *Megaline (M&E) Limited* sas-somma ta' ħmistax –il elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Ewro u sitt ċenteżmi, (€15,255.06), oltre l-imgħaxijiet dovuti;
> >
> > "34.3.2. **It-tieni Grad**:
> >
> > > "34.3.2.1. *HSBC Bank Malta p.l.c*. għall-bilanċ ta' miljun, ħames mija u disgħa u ħamsin elf, seba' mija u tnejn u disgħin Ewro u sittax –il ċenteżmu, (€1,559,792.16) oltre l-imgħaxijiet dovuti;
> >
> > "34.3.3. **It-tielet Grad**:
> >
> > > "34.3.3.1. Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għal kwalunkwe bilanċ li jista' jkun hemm sa disgħa u għoxrin elf, tmien mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu, (€29,861.91), oltre l-imgħaxijiet dovuti;

> "34.4. Illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura għandhom jinqasmu fl-ammont ta' żewġ terzi (2/3), kontra l-*HSBC Bank Malta p.l.c*. u r-rimanenti terz (1/3), ikun a karigu tas-soċjetajiet *Camray* u *Megaline*, u tad-Direttur Ġenerali rikorrenti f'porzjonijiet ugwali".

Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "21. Illi l-proċedura odjerna tirrigwarda konkors ta' kredituri inizjat wara rikors appożitu tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), datat is-26 ta' Lulju, 2006, (ara fol 1);
>
> "22. Illi l-*HSBC Bank Malta p.l.c*. iddepożita mitejn u tnejn u tlein elf, disa' mija u seba' u tlein Ewro u erba' u tletin ċenteżmu, (€232,937.34);
>
> "23. Illi s-soċjeta` debitriċi konċernata hi *JM Group Limited* u għandha debitu ta' tnax –il elf tmien mija u dsatax –il Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu, (LM12,819.72), f'taxxa fuq il-valur miżjud, imgħax u penalitajiet inkluż ukoll spejjeż u imgħax ta' wieħed fil-mija, (1%), fix-xahar sad-data tal-effettiv pagament, liema ammont gie reż eżegwibbli bħala titolu eżekuttiv permezz t'ittra uffiċċjali datata t-23 ta' Jannar, 2004;
>
> "24. Illi s-soċjetajiet *HSBC*, *Camray* u *Megaline* fuq indikati jippretendu jeddijiet superjuri fil-konkors *de quo* fuq id-depożitu fuq riferit;
>
> "25.0. Illi l-konkorrenti fuq riferiti qed jallegaw li għandhom is-segwenti krediti fil-konfront tas-soċjeta` *JM Group Limited*:
>
> > "25.1 Id-Direttur Ġenerali rikorrenti: Disgħa u għoxrin elf, tmien mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu, (€29,861.91), oltre spejjeż u imgħax fuq ġia` riferit;
> >
> > "25.2 *Camray*: Mija u erbat elef, disgħa mija u tnax –il Ewro u ħamsa u sittin ċenteżmu, (€104,912.65), allegatament pregradwat *a tenur* ta' privileġġ speċjali 18086/2002 reġistrat fid-29 ta' Novembru, 2002;
> >
> > "25.3 *Megaline*: Ħmistax –il elf, mitejn u ħamsa u ħamsin Ewro u sitt ċenteżmi, (€15,255.06), allegatament pregradwat *a tenur* ta' privileġġ speċjali 19019/2002 reġistrat fit-18 ta' Diċembru, 2002;
> >
> > "25.4 *HSBC Bank Malta p.l.c.*: Żewġ miljuni, erba' mija u tlieta u disgħin elf, erba' mija u tlieta u sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu, (€2,493,463.85), allegatament pregradwat *a tenur* ta' privileġġi u ipoteki speċjali;

“26.0. Illi rigward id-Direttur Ġenerali rikorrenti għandu sintetikament jingħad is-segwenti:

“26.1 Illi l-privileġġ tiegħu hu naxxenti mill-artiklu 62 tal-Kap 406 tal-Liġijiet ta’ Malta, (ara fol 416);

“26.2 Illi konsegwentement il-privileġġ speċjali tad-Direttur Ġenerali *de quo* jiġi għalhekk qabel kull privileġġ ieħor, bl-eċċezzjoni għad-dejn imsemmi fl-artiklu 2009 (a) jew (b) tal-Kap 16 tal-istess Liġijiet, senjatament:

“26.2.1. Il-kreditu ta’ min jieħu r-rahan, fuq il-haġa li jkollu f’idejh b’titolu ta’ rahan;

“26.2.2. Il-kreditu ta’ lukandier ghall-hlas ta’ kumdita` u provvisti provduta, fuq il-ħwejjeġ tal-alloġġjant u sa kemm dawn ikunu fil-lukanda jew dar tal-lukandier;

“Ikkunsidrat:

“27.0. Illi l-Bank *de quo* issolleva l-kwistjoni jekk il-privileġġ speċjali naxxenti mill-artiklu 62 tal-Kap 406 fuq riferit favur id-Direttur Ġenerali rikorrenti għandux ikun ukoll reġistrat fir-Reġistru Pubbliku *ai termini* tal-artiklu 2009 tal-Kap 16 fuq riferit u f’dan il-kuntest għandu sintetikament jingħad, anke fid-dawl tad-deċiżjonijiet riferiti mill-abbli perit legali fuq riferit li:

“27.1 Kull min ikun f’pożizzjoni biex jiddeċiedi li jagħti kreditu, għandu jkollu l-possibilita` li jirriċerka fir-Reġistru Pubbliku biex jara jekk id-debitur prospettiv tiegħu ikunx f’pożizzjoni li eventwalment jagħmel tajjeb għad-dejn minnu konkluż biex il-kreditur ma jiġix eventwalment sorpriż billi meta jiġi l-waqt isib li l-kreditu tiegħu ikun jinsab fl-aħħar *vagun tal-ferrovija*;

“27.2 Illi għalhekk din il-qorti qed taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali *de quo* li jirreferi għal kawża fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Crown Hotels Limited**, Prim’ Awla, datata s-16 ta’ Novembru, 2012, fejn stabbiliet li:

““ … minkejja kull ma jista’ jinsab f’xi liġi oħra””

“Id-Direttur Ġenerali Taxxa fuq il-Valur Miżjud mhux eżentat milli jirreġistra l-privileġġ speċjali *ai termini* tal-artiklu 2009 tal-Kap 16 tal-Liġijiet fuq riferiti;

“27.3 Illi għaldaqstant din il-qorti m’għandha l-ebda raġuni għaliex m’għandhiex tilqa’ il-konklużjoni tal-perit legali *de quo* fir-rigward, li għar-raġunijiet fuq sintetikament esposti ikkonkluda li d-dejn dovut lid-Direttur Ġenerali rikorrenti effettivament ma jgawdi mill-ebda preferenza fuq krediti oħra ta’ konkorrenti, (ara fol 420);

"Ikkunsidrat:

"28.0. Illi rigward il-konkorrenti l-oħra in diżamina jingħad sintetikament is-segwenti:

"28.1 Illi s-soċjetajiet *Camray* u *Megaline* debitament irreġistraw il-privileġġ speċjali tagħhom skont il-liġi;

"28.2 Illi l-Bank *de quo* jirriżulta li wkoll għandu privileġġ speċjali naxxenti mir-reġistrazzjoni ta' erba' (4) noti appożiti, liema reġistrazzjoni wkoll ilkoll saru skont il-liġi, (ara fol 421);

"28.3 Illi għar-raġunijiet fuq esposti din il-qorti tikkonkorda wkoll mal-konklużjoni peritali li għalhekk, it-tlett (3) kredituri hawn elenkati qiegħdin kollha fl-istess grad stante li l-privileġġi minnhom vantati huma ilkoll naxxenti mill-artiklu 2010 (b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Ikkunsidrat:

"29.0. Illi rigward il-kwistjoni tan-novazzjoni sollevata mid-Direttur Ġenerali rikorrenti u mill-Bank *de quo* fil-konfront tal-*Camray* u l-*Megaline* sintetikament għandu jingħad is-segwenti:

"29.1 Illi fis-sentenza tal-Qorti Ċivili **HSBC Bank Malta p.l.c. vs Avv. Martin Fenech nomine et** datata t-28 t'Ottubru, 2005, (ara fol 159), jingħad sintetikament is-segwenti:

"29.1.1 Illi s-soċjetajiet hawn riferiti effettivament għamlu ftehim mal-kumpanija debitriċi *JM Group Limited* biex issir in-novazzjoni tal-kreditu tagħhom kontra l-istess *Group* billi aċċettaw kreditu kontra s-soċjeta` l-oħra hemm indikata;

"29.1.2 Illi l-istess soċjetajiet in diżamina aċċettaw pagament akkont tal-kreditu lilhom hekk dovut u dan, bil-kundizzjoni li l-ammont rimanenti jitħallas lilhom minn din is-soċjeta` sostituttiva hemm indikata, (ara wkoll fol 179);

"Ikkunsidrat:

"30. Illi in vista tal-ftehim pattwit indikat fil-paragrafu preċedenti qed jiġi allegat li allura l-istess jikkonsisti f'novazzjoni, istitut li *del resto* kif isostnu it-**Torrente u l-iSchlesinger fil-Manuale di Diritto Privato. Tediscesima Edizione** p.447:

> "" … e in contratto con il quale I soġġetti du un rapporto obbligatorio sistitulscono un nuovo rapporto a quello oriġinali";"

"Ikkunsidrat:

“31. Illi nonostante iż-żewġ paragrafi preċedenti, (senjatament il-paragrafi 29 u 30 aktar qabel), is-soċjetajiet *Camray* u *Megaline* jinsistu li effettivament, minkejja l-ftehim pattwit ma’ soċjeta` oħra rigwardanti l-kreditu tagħhom mas-soċjeta` oriġinarjament debitriċi għalihom, ma kien hemm l-ebda novazzjoni kif allegat;

“32.0. Illi dan in-nuqqas ta’ tibdil istituzzjonali hu sintetikament minħabba s-segwenti raġunijiet:

“32.1. Illi l-privileġġi tal-istess soċjetajiet għadhom reġistrati stante li ma ġewx kanċellati mill-kreditur;

“32.2. Illi jirriżulta li ma saru l-ebda proċeduri minn xi kreditur ieħor jew mid-debitur biex l-istess jiġu kanċellati;

“32.3. Illi kull ma jidher li kien hemm wara l-kuntratt ta’ sostituzzjoni in diżamina kien biss dikjarazzjoni unilaterali tas-soċjeta` *JM Group Limited*, u mhux ftehim kif allegat;

“32.4. Illi dikjarazzjoni simili ma tistax torbot lill-kredituri;

“32.5. Illi ssir referenza għall-artikolu 1181 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta li jgħid:

> ““It-tismija waħida, magħmula mid-debitur, ta’ persuna li għandha tħallas minfloku, ma ġġibx novazzjoni”;”

“32.6. Illi *di piu`*, l-artiklu 1183 tal-istess Kap 16 fuq indikat jgħid:

> ““Id-delegazzjoni li biha d-debitur jagħti lill-kreditur tiegħu debitur ieħor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ġġibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkun iddikjara espressament il-volonta` tiegħu li jeħles lid-debitur li jkun għamel id-delegazzjoni”;”

“32.7. Illi finalment jirriżulta assodat mill-provi analizzati in atti li ma ġiet ippreżentata l-ebda dikjarazzjoni espressa tal-volonta` tal-kredituri li jeħilsu lid-debitur;

“Ikkunsidrat:

“33. Illi in vista tal-premess din il-qorti tiddikjara li qed tistrieħ fuq ir-riżultanzi minnha eżaminati dettaljatament u fuq ir-reżakont tal-perit legali fuq riferit u tiddikjara wkoll li allura qed tagħmel tagħha wkoll il-konklużjonijiet tal-istess perit legali;”

Rat ir-rikors tal-appell tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha:

> "(a) Tħassar u tirrevoka d-digriet ta' l-ewwel Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' April, 2008, u dak ta' l-24 ta' Novembru, 2008, filwaqt li tiddikjara li r-rikors tas-soċjeta` HSBC Bank Malta p.l.c. tas-16 ta' Meju, 2007, hu wieħed tardiv u b'hekk il-proċess tal-konkors tal-kredituri odjern għandu jkollu biss tlett (3) konkorrenti, jiġifieri l-appellant u s-soċjetajiet Camray Contractors Limited u Megaline (M&E) Ltd, (b) tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-11 ta' Frar, 2014, li minnha qed isir dan l-appell, u minflok tiddikjara u tiddeċiedi li l-kreditu tar-rikorrent appellant jippregradwa dak ta' kull konkorrent ieħor, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-partijiet l-oħra appellati".

Rat ir-risposta u l-appell inċidentali tal-HSBC Bank Malta p.l.c li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti jogħġobha:

> "…..tvarja s-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-11 ta' Frar 2014 fl-atti tal-Konkors ta' Kredituri tas-soċjeta` JM Group Limited kif rappresentati mill-Avukat Dottor Martin Fenech u l-PL Mario Mifsud Bonniċi, billi tipprovdi illi fejn l-ewwel Onorabbli Qorti irrieteniet Illi fl-ewwel grad għandhom jiggradwaw ukoll Camray Limited u Megaline (M&E) Limited, a bażi tal-privileġġ speċjali invokat minnhom, dan jiġi mħassar u li dina l-Onorabbli Qorti tirritieni illi fl-ewwel grad jippregradwa biss il-Bank appellant għar-raġunijiet kollha ġja premessi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi a kariku tal-kredituri konkorrenti l-oħra Camray Limited, Megaline (M&E) Limited flimkien mad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud)".

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati li in forza tagħha qalu li jaqblu mas-sentenza li għandha tiġi kkonfermata in toto;

Rat ir-risposta u l-appell inċidentali tas-soċjetajiet Camray Contractors Ltd. u Megaline (M&E) Ltd. li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li din il-Qorti:

"6.1 …..tiċħad l-appell intavolat mid-Direttur Ġenerali sa fejn dan jittratta (i) l-allegata novazzjoni u (ii) il-pre-gradwazzjoni ta' l-istess Direttur Ġenerali qabel kull konkorrent ieħor u filwaqt li jagħmlu riferenza għall-provi ġja prodotti u jirreservaw li jġibu dawk l-provi kollha li tippermettilhom li jġibu din l-Onorabbli Qorti , jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tvarja s-sentenza tagħha fis-sens illi s-soċjetajiet Camray u Megaline jippregradwaw waħedhom fl-ewwel grad u dan għar-raġunijiet kollha premessi, inkluż dawk sottomessi fl-appell inċidentali intavolat kontestawlment ma' din ir-risposta u dan billi tirrevoka d-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Novembru 2008 b'hekk tikkonferma lil Camray, Megaline u d-Direttur Ġenerali bħala l-uniċi tlett konkorrenti u tiggradwa lill-istess Camray u megaline fl-ewwel grad waħedhom minħabba fin-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-privileġġ tad-Direttur Ġenerali.

"6.2 Fl-eventwalita` li l-appell mid-digriet ta' l-24 ta' Novembru 2008 ma jintlaqax, il-gradwazzjoni kif esposta fis-sentenza ta' l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Frar 2014 għandha tiġi kkonfermata.

"6.3 Bl-ispejjeż".

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-appell inċidentali ta' Camray Contractors Ltd. u Megaline (M&E) Ltd., li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talbu li din l-Qorti:

"…..tilqa' l-appell inċidentali intavolat mis-soċjetajiet Camray Contractors Limited u Megaline (M&E) Limited limitatament għat-talba tar-revoka tad-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-24 ta' Novembru, 2008, u t-talba għall-konferma li dawk l-istess żewġ soċjetajiet flimkien ma' l-esponent huma l-uniċi tlett konkorrenti, b'dana li tiċħad it-talba tagħhom sabiex din l-Onorabbli Qorti tiggradwahom fl-ewwel grad waħedhom minħabba fin-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-privileġġ tad-Direttur Ġenerali, kif ukoll tiċħad it-talba ulterjuri tagħhom għal-konferma tas-sentenza ta' l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Frar, 2014, fl-eventwalita` li l-appell mid-digriet ta' l-24 ta' Novembru, 2008, ma jintlaqax, u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konkorrenti Camray Contractors Limited u Megaline (M&E) Limited".

Rat ir-risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għall-appell inċidentali ta' HSBC Bank Malta p.l.c li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, talab li din il-Qorti:

> "…..tiċħad l-appell inċidentali intavolat mill-HSBC Bank Malta p.l.c, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess konkorrenti u wkoll is-soċjetajiet Camray Limited u Megaline (M&E) Limited".

Rat ir-risposta ta' Camray Contractors Ltd. u Megaline (M&E) Ltd. għall-appell inċidentali ta' HSBC Bank Malta p.l.c li, għar-raġunijiet minnhom premessi, talbu li l-appell inċidentali tal-Bank jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-istess Bank;

Rat ir-risposta ta' HSBC Bank Malta p.l.c għall-appell inċidentali ta' Camray Contactors Ltd. u Megaline (M&E) Ltd. li in forza tagħha, għar-raġunijiet minnu premessi, issottometta illi l-appell inċidentali interpost huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi dawn huma proċeduri ta' Konkors fuq is-somma ta' €232,937.34 li ġew iddepożitati taħt l-awtorita` tal-Qorti mill-HSBC Bank Malta p.l.c. L-ewwel

Qorti appuntat perit legali biex jisma' l-provi u jħejji rapport li ġie aċċettat mill-istess Qorti u bbażat is-sentenza tagħha fuqu.

Tressqu diversi kwistjonijiet quddiem din il-Qorti, kemm minn min appella prinċipalment u kemm ukoll minn min ressaq appell inċidentali. Il-kwistjonijiet li jridu jiġu trattati u deċiżi huma s-segwenti: (i) jekk l-HSBC Malta p.l.c għandhom jitħallew jikkonkorru peress li ressqu t-talba tagħhom tard; (ii) jekk id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) għandux dritt li jitħallas qabel kulħadd; (iii) jekk is-soċjetajiet Camray Contractors Ltd. u Megaline (M&E) Ltd. għandhom dritt jikkonkorru; u (iv) l-każ li dawn is-soċjetajiet għandhom dritt jikkonkorru, għandhomx huma wkoll jiggradwaw fl-ewwel post jew waħedhom.

Trattat l-ewwel punt, din il-Qorti taqbel mal-pożizzjoni li ħa l-HSBC Bank Malta p.l.c. Hu veru li dan il-bank kellu jippreżenta t-talba tiegħu fi żmien xahar mil-pubblikazzjoni tal-ftuħ tal-konkors, pero`, il-liġi stess tagħti dritt lil min ma jkunx deher fil-proċeduri ta' konkors ta' kredituri, li jiftaħ kawża ġdida u jitlob il-ftuħ mill-ġdid tal-konkors tal-kreditu tiegħu. Sentenza finali f'atti ta' konkors, bis-saħħa tal-liġi, ma titqiesx ġudikat, għax il-gradwazzjoni tkun tista' terġa' tinbidel b'kawża *ad hoc* li ssir minn kreditur ġdid. Dment illi t-talba, għalkemm tardiva, issir kmieni biżżejjed biex tista' tkun trattata fil-meritu mal-pretensjonijiet l-oħra, tali talba għandha tkun aċċettata. Huwa f'dan is-sens li għandu jinqara dak li qalet il-Prim' Awla

tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet "Camilleri v. Mamo noe" deċiża fis-6 ta' Ottubru, 1997. Dik il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> "*L-azzjoni intentata mill-attur odjern hija bbażata fuq l-artikolu 417 tal-Kap. 12. Dan l-artikolu jagħti dritt, hekk imsejjaħ jus avocandi li jippermetti lil kull persuna li ma tkunx dehret fi proċeduri ta' konkors ta' kredituri li jistitwixxi proċeduri appożiti sabiex id-dritt tiegħu għad-depożitu li jkun qed jiġi kkontestat jiġi stabilit bi preferenza jew fi grad li tkun qed jiġi kkontestat jiġi stabilit bi preferenza jew fi grad indaqs għal dik il-persuna li tkun ġiet pregradwata fil-proċeduri ta' konkors;*
>
> *"Konkors ta' kredituri jinżamm wara talba minn persuna li tkun qed tippretendi jedd fuq depożitu li jkun sar il-Qorti meta jkun hemm iżjed minn żewġ persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta' ħaddieħor jew qabilhom. Hekk kif jiġu osservati l-proċeduri kollha imsemmija fl-artikolu 416, il-Qorti tgħaddi biex tagħmel il-gradwazzjoni tal-kredituri u tistabilixxi l-mod kif id-depożitu għandu jiġi assenjat bejn il-konkorrenti;*
>
> *"Iżda l-artikolu 417 jippreskrivi li d-deċiżjoni tal-kawża ta' konkors bejn il-kredituri li jkunu dehru fiż-żmien stabbilit, kif preskritt fl-artikolu 416, ma twaqqax mill-jeddijiet tagħhom lil dawk l-persuni li ma jkunux dehru, u kull waħda minn dawn il-persuni tista', wara titlob lura l-flus kollha jew parti minnhom, mingħand il-kreditur gradwat kemm-il darba l-jeddijiet tagħha jiġu, f'kawża għaliha, magħrufa bħala aqwa jew daqs dawk tal-kreditur gradwat, iżda jekk jiġi ppruvat illi dik il-persuna li għandha jedd aqwa jew inqas setgħet tidher biex tikkonkorri fiż-żmien li jmiss, in-nuqqas tad-dehra tagħha jista' jitiqies fid-deċiżjoni ta' l-ispejjeż;*
>
> *"Minn din l-eċċezzjoni għar-regola li kull deċiżjoni għandha tkun finali u torbot lill-partijiet, il-Qorti tirraviża l-preokkupazzjoni tal-leġislatura biex jagħmel il-ħaqq ma' kull min għandu dritt, irrispettivament minn xi drittijiet akkwiżiti minn terzi in forza ta' sentenza prijuri. Dan id-dritt għalhekk huwa mogħti mhux biss lil min, għal xi raġuni jew oħra, "ma jkunx deher", iżda anke lil dik il-persuna li, għalkemm setgħet tidher biex tikkonkorri, naqset li tagħmel hekk fi żmien li jmiss".*

Ikun inutili li din il-Qorti tipprovdi, f'din il-kawża, fl-assenza tal-bank, biex imbagħad ikollha tirrivedi kollox fi proċeduri oħra li jiftaħ l-istess bank.

L-aggravju relattiv qiegħed għalhekk, jiġi miċħud u l-ordni tal-ewwel Qorti, bil-digriet tal-24 ta' Novembru 2008, li ppermettiet lill-bank jikkonkorri qed jiġi kkonfermat.

Trattat it-tieni punt, din il-Qorti tirribadixxi d-deċiżjoni tagħha tas-27 ta' Frar, 2009, fil-kawża fl-isem "Konkors ta' kredituri ta' Carmelo Gauci Ltd", u tqies li l-Artikolu 62 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta) jagħti dritt lid-Direttur in kwistjoni li jitħallas qabel kull dejn ieħor, anke jekk dak id-dejn ikun munit b'xi privileġġ. Din il-Qorti f'dik is-sentenza, għamlet dawn l-osservazzjonijiet:

> "*Din il-Qorti studjat bir-reqqa l-artikolu tal-liġi in kwistjoni u ssib li, sa ċertu punt, iż-żewġ partijiet qed jgħidu affarijiet li għandhom mis-sewwa, u affarijiet li, min-naħa l-oħra, huma żbaljati.*
>
> "*Fl-ewwel parti tiegħu dan l-artikolu jagħti "privileġġ speċjali" lill-Kummissarju (u mhux "jedd ta' privileġġ" kif jingħad f'leġislazzjonijiet oħra), u fl-ordinament ġuridiku Malti jeżisti tip wieħed biss ta' privileġġ speċjali, u dan huwa dak indikat fl-Artikolu 2001(2) tal-Kodiċi Ċivli. Fil-liġijiet fiskali in kwistjoni il-leġislatur ma tax xi definizzjoni ta' "privileġġ speċjali" għall-finijiet tal-istess liġijiet fiskali, u, għalhekk, it-tifsira ta' dan il-kunċett irid jittieħed mid-definizzjoni tiegħu fil-Kodiċi Ċivili li, sakemm mhux eskluż, japplika b'mod ġenerali. Hu interessanti wkoll li jiġi notat illi dan il-"privileġġ speċjali" ma ngħatax fuq il-beni kollha ta' kull xorta tad-debitur, f'liema każ kien jeħtiġ li jkun deskritt bħala privileġġ "ġenerali" skond l-Artikolu 2001(1) tal-Kodiċi Ċivli, iżda, fuq proprjeta` "partikolari" fit-termini tad-definizzjoni ta' privileġġ speċjali fil-Kodiċi Ċivili, u ċioe`, fuq "l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika ta' persuna". Dan ikompli juri l-ħsieb tal-leġislatur li jorbot dan il-privileġġ ma' dak trattat fil-Kodiċi Ċivili.*
>
> "*Issa, fil-waqt li l-privileġġ speċjali fuq ħwejjeġ mobbli, mhux meħtieġ li jiġi reġistrat (Artikolu 2032 tal-Kodiċi Ċivili), il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli m'għandhomx effett "jekk ma jiġux imniżżlin fir-Reġistru Pubbliku" (Artikolu 2029). Dan hu hekk għax privileġġ speċjali fuq immobbli hu munit b'diritto di seguito (Artikolu 2002(2)), b'mod li jibqa' jagħti titolu ta' preferenza u jedd fuq il-proprjeta` anke jekk dik il-proprjeta` tgħaddi għand persuni oħra. Din ir-reġistrazzjoni hija*

*meħtieġa fl-interess tat-terzi, għax terz li jkun se jixtri proprjeta` partikolari huwa intitolat li jkun jaf jekk dik il-proprjeta` hijiex qed tagħmel tajjeb għal dejn ta' xi ħadd ieħor. Għalhekk hu importanti li dan il-privileġġ speċjali jiġi reġistrat b'referenza espressa għall-proprjeta` immobbli kolpita, u dan kif jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Att dwar ir-Reġistru Pubbliku (Kap. 56 tal-Liġijiet ta' Malta). Reġistrazzjoni ta' privileġġ speċjali sempliċement "fuq l-attiv li jagħmel sehem mill-attivita` ekonomika" tad-debitur ma tistax titqies valida għax il-privileġġ irid jolqot proprjeta` immobbli partikolari, bl-indikazzjoni tal-immobbli tkun skond l-Artikolu 7 tal-Att indikat. Fin-nuqqas ta' tali reġistrazzjoni, magħmula kif trid il-liġi, ma jistax jingħad li l-privileġġ speċjali jolqot xi proprjeta` immobbli. Fis-sistema legali tagħna, ma hux kunċepit "privileġġ speċjali" fuq immobbli mhux reġistrat, aktar u aktar meta tqis li skond il-liġi, il-privileġġi speċjali fuq l-immobbli huma, f'kull każ, muniti bid-diritto di seguito.*

"*Sa hawn, din il-Qorti, taqbel mat-teżi tal-HSBC Bank Malta p.l.c u abbraċċjata mill-ewwel Qorti. L-Artikolu 62 tal-Kap. 406, pero`, jinqasam f'żewġ partijiet, u din il-Qorti ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti interpretat it-tieni parti ta' dan l-artikolu. L-ewwel Qorti qablet mal-perit legali fejn dan qal a fol. 526:*

"*Barra minn hekk, l-Artikolu 62 jista' jingħad li jinqasam f'żewġ aspetti, fl-ewwel parti jiġi stabbilit il-privileġġ speċjali filwaqt li fit-tieni parti jiġi stabbilit <u>illi dan il-privileġġ speċjali</u> jiggradwa bi preferenza, minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra fuq dejn privileġġjat ieħor. Jidher għalhekk illi l-kwalifika li hemm fl-Artikolu 62 li biha kwalunkwe liġi oħra għandha tiġi sottratta għall-gradwazzjoni kontemplata fl-Art. 62, hija limitata għall-kwistjoni ta' gradwazzjoni <u>diment li jiġi determinat illi dak il-kreditu huwa munit bil-privileġġ speċjali</u>". (sottolinear ta' din il-Qorti).*

"*Din il-Qorti ma taqbilx mal-partijiet minnha sottolineati, peress li l-liġi ma tgħidx li l-privileġġ speċjali jiggradwa bi preferenza, iżda li <u>"t-taxxa msemmija għandha titħallas"</u> bi preferenza, u lanqas ma tassoġġetta l-preferenza tal-ħlas għad-determinazzjoni illi l-kreditu huwa munit bi privileġġ speċjali. Kif intqal mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża* ***Zammit v. Caruana noe****, deċiża fit-8 ta' Jannar, 1958, il-kreditu u l-privileġġ huma separati minn xulxin: il-kreditu huwa ħaġa, u l-privileġġ huwa ħaġa' oħra. Ghalkemm il-privileġġ ma jistax jissussisti mingħajr il-kreditu, il-kreditu jista' jissussisti <u>indipendentement</u> mill-privileġġ. F'dan il-kuntest dan ifisser illi n-nuqqas tal-Kummissarju tal-VAT li jirreġistra l-privileġġ ma jestingwix il-kreditu, u skond l-Artikolu 62, dan il-kreditu għandu jitħallas "bi preferenza fuq dejn li jkollu xi privileġġ ieħor".*

"*Bil-privileġġ speċjali, debitament reġistrat, il-Kummissarju tal-VAT ikun jista' jinforza l-kreditu tiegħu fuq dik il-proprjeta` immobbli partikolari, f'idejn min tkun. Jekk ma jirreġistrax ipoteka speċjali, allura jrid jissodisfa ruħu mill-assi li jkollu d-debitur, b'dan, pero`, li anke jekk dawk l-assi jkunu milquta b'xi privileġġ, il-Kummissarju jitħallas l-ewwel (ħlief kif jiddisponi l-istess Artikolu 62).*

> "*Il-frażi "minkejja kull ma jista' jinsab f'xi liġi oħra" tinsab, fil-fatt, fit-tieni parti ta' din il-klawsola, u fil-waqt li mhux qed tirreferi għall-"privileġġ speċjali" imsemmi fl-ewwel parti, tikkwalifika l-ħlas tat-taxxa li, f'kull każ mill-assi tad-debitur, għandha ssir <u>bi preferenza fuq kull dejn ieħor</u>, hemm x'hemm f'liġijiet oħra.*
>
> "*Għalhekk, f'dan il-każ, la darba l-flus garantiti mill-bank għall-fini ta' dawn il-proċeduri, huma r-rikavat mill-bejgħ tal-assi tal-kumpanija debitriċi, <u>it-taxxa dovuta għandha titħallas bi preferenza u qabel kull dejn ieħor bħal dak tal-bank konkorrent</u>".*

Tajjeb li jiġi osservat ukoll illi talba għar-ritrattazzjoni ta' dik il-kawża ġiet miċħuda minn din il-Qorti b'sentenza tad-19 ta' Mejju, 2011. Sentenza oħra li ngħatat fl-istess sens hija dik mogħtija wkoll minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2014, fil-kawża fl-ismijiet "<u>Bank of Valletta p.l.c v. Crown Hotels Ltd.</u>"

Din il-Qorti ma tarax li tista' tagħti lill-Artikolu 62 imsemmi xi interpretazzjoni mod ieħor. Il-fatt li dan l-artikolu jagħti lid-Direttur preferenza qabel kull privileġġ "*ieħor*", ma jfissirx li d-dejn tad-Direttur irid hu wkoll ikun munit bi privileġġ reġistrat. Il-liġi trid li erarju jitħallas qabel il-privileġġi l-oħra, jiġifieri qabel krediti oħra, anke jekk muniti bi privileġġ.

Kwindi, l-aggravju relattiv tad-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud) jimmerita li jiġi milqugħ u dan għandu jiggradwa fl-ewwel post.

Trattat issa t-tielet punt dwar jekk is-soċjetajiet Camray Contractors Ltd. u Megaline (M&E) Ltd għandhomx jew le dritt jikkonkorru, din il-Qorti ma

tarax li għandha għalfejn tidħol biex teżamina mill-ġdid jekk saretx novazzjoni tal-kreditu tagħhom, għax dan ġia ġie deċiż minn dawn il-qrati. Fil-fatt, kif ġie ritenut fid-digriet mogħti mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kors tal-proċeduri fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c v. Fenech et" tat-28 ta' Ottubru, 2005, fl-atti tas-subasta numru 98/2003, li minnu tnissel dan il-konkors, dawn iż-żewġ soċjetajiet ma għadhomx kredituri billi bl-aċċettazzjoni tagħhom stess seħħet novazzjoni skont il-liġi (Art. 1179(b) tal-Kap. 16) meta aċċettaw pagament akkont bil-kondizzjoni li bilanċ tal-kreditu tagħhom ma jibqax aktar dovut mis-soċjeta` J M Group Limited iżda jsir dovut mis-soċjeta` J M Supplies Company Limited. Fid-deċiżjoni tagħha tat-28 ta' Ottubru 2005 l-Qorti kienet irriteniet hekk:-

> "*Jirriżulta mid-dokumenti eżibiti mir-rikorrenti Dok F a fol 97 u Dok G a fol 100, li s-soċjetajiet intimati għamlu ftehim mal-kumpanija debitiriċi J M Group Limited biex issir novazzjoni tal-kreditu tagħhom kontra J M Group Limited bili aċċettaw kreditu ġdid kontra J M Supplies Co. Ltd. L-intimati (ċioe` Camray Ltd. u Megaline (M&E) Ltd.) aċċettaw pagament akkont tal-kreditu tagħhom kontra s-soċjeta` J M Group Limited bil-kondizzjoni li l-kumplament tal-kreditu jitħallas mis-soċjeta` J M Supplies Co Ltd (ara Dok. LDG1 a fol 121). Minn dana l-aħħar dokument jirriżulta ċar illi l-intimati aċċettaw dina n-novazzjoni u ffirmaw għaliha u ftehmu kif kellu jsir il-pagament. Il-kreditu llum hu dovut minn J M Supplies Co Ltd u mhux minn J M Group Ltd. ladarba saret dina n-novazzjoni s-soċjetajiet intimati messhom ikkanċellaw dawn il-privileġġi.*"

Illi fl-imsemmi dokument "F" il-partijiet hemm kontraenti kienu stipulaw espressament illi:-

> "*The remaining balance (i.e. Lm 47,418.70) will be paid in kind by JM Supplies Co. Ltd via barter against office supplies/stationery purchased at your end as per agreement dated 12th July 2000.*

> *"Therefore with regards to the above it is being agreed that Camray Ltd shall have no claims of whatsoever nature against JM Group Ltd and shall direct any claims related to non payment, should that arise, directly and solely with JM Supplies Co. Ltd.*
>
> *"It is hence understood that JM Group Ltd has no obligations whatsover to pay Camray Contractors Ltd…."*

Filwaqt li d-dokument msejjaħ dokument G jistipula l-istess ftehim identiku fil-konfront ta' Megaline (M&E) Ltd.

Illi biżżejjed wieħed jagħmel riferenza għall-korp tas-sentenza minn fejn jirriżulta illi l-kwistjoni dwar l-allegata novazzjoni kienet waħda mill-kwistjonijiet prinċipali li ġew trattati f'dawk il-proċeduri u l-Qorti saħansitra tesponi l-pożizzjonijiet rispettivi tal-partijiet a rigward ta' dan il-mertu qabel ma tittrattah fil-parti dispożittiva tas-sentenza saħansitra taħt parti tas-sentenza intestata "*Novazzjoni*."

Fuq kollox, jirriżulta illi l-kredituri Camray Contractors Limited u Megaline (M&E) Limited kienu partijiet f'dak il-ġudizzju partikolari u li għalkemm l-okkju fis-sentenza huwa "**HSBC Bank Malta p.l.c v. Av. Martin Fenech et noe**", fil-korp tas-sentenza jirriżulta biċ-ċar illi l-Qorti kienet innotifikat il-kredituri interessati kollha tant illi f'paġna 8 u 9 tas-sentenza hemm rapportata r-risposta intiera tal-imsemmija kredituri.  Fiċ-ċirkostanzi dina s-sentenza tikkreja stat fil-konfront tal-kredituri Camray Contractors Limited u Megaline (M&E) Limited u d-debitur JM Group Limited u l-effett

ta' tali novazzjoni bla ebda riserva huwa li Camray u Megaline tilfu l-privileġġ fil-konfront ta' JM Group Ltd. meta din ma baqgħetx debitriċi.

Illi għalkemm bħala fatt iż-żewġ soċjetajiet baqgħu qatt ma kkanċellaw il-privileġġ oriġinali li kien jikkawtela l-kreditu tagħhom fil-konfront ta' J M Group Limited, il-fatt hu illi ma hemm l-ebda kreditu fil-konfront ta' JM Group Ltd. li jista' jitqies li jikkonkorri f'dawn il-proċeduri.

Darba ġie deċiż, allura li saret novazzjoni li ġiet aċċettata miż-żewġ soċjetajiet imsemmija, dawn ma jistgħux aktar jikkonkorru f'dawn il-proċeduri. Fil-fehma ta' din il-Qorti, id-dokumenti jindikaw fehma espressa tal-kreditur li jeħles lid-debitur tiegħu, is-soċjeta` JM Group Ltd. u jaċċetta li d-debitu jitħallas minn soċjeta` oħra li mhux parti f'din il-kawża.

Fid-dawl tal-premess, hu ovvju li s-sentenza tal-ewwel Qorti trid tiġi revokata peress li issa fadal żewġ kredituri li qed jikkonkorru, u ċioe`, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), fl-ewwel post, u l-HSBC Bank Malta p.l.c fit-tieni post.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell prinċipali u dawk inċidentali billi tilqa' l-istess in parte u wara li tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti, tipprovdi l-konkorrenti fis-sens li ġej:

Fl-ewwel post, id-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-valur Miżjud) għal €29,861.91 (disgħa u għoxrin elf, tmien mija u wieħed u sittin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu);

Fit-tieni post, l-HSBC Bank Malta p.l.c għal €2,493.463.85 (żewġ miljuni, erba' mija u tlieta u disgħin elf, erba' mija u tlieta u sittin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu), somma li mhux se tiġi koperta bil-flus depożitati.

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu kwantu għal $^{3}/_{5}$ (tlett partijiet minn ħamsa) mis-soċjetajiet Camray Contractors Ltd. u Megaline (M&E) Ltd. *in solidum*, kwantu għal $^{1}/_{5}$ (kwint) mill-HSBC Bank Malta p.l.c u kwantu għall-aħħar $^{1}/_{5}$ (kwint) mid-Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud).

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm